MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 678/2013

**Brands International Limited**
**C 7764**
**Vs**
**Auntie Lucy Ltd**
**C 12622**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Ottubru, 2013 fejn is-socjeta' attrici qed titlob lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' sitt mija u tnejn u tmenin ewro u tlett centezmi (€682.03c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija minjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsetx.

Blispejjez u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2013  u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u tmenin ewro u tlett centezmi (€682.03c) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------